Illum ħmistax ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (15-03/2023).

No.

**Kostituzzjoni ta' Fondazzjoni**

Insinwat fir-Reġsitru Pubbliku ta' Malta fi:

Vol. I

Quddiemi Nutar Dottor Dejan Debono, dehru personalment debitament identifikati minni permezz tad-dokumenti uffiċjali li ser jissemmew:

**Abner Joe Buttigieg**, [...] u

**Dylan Farrugia**, [...];

Aktar 'il quddiem flimkien u solidament bejniethom imsejħa '**il-Fundaturi**', u/jew '**Abner Joe Buttigieg**' u '**Dylan Farrugia**', rispettivament, u

**Neil Cutajar**, [...], aktar 'il quddiem imsejjaħ '**Neil Cutajar**'.

Peress illi l-Fundaturi jixtiequ li jikkostitwixxu u jistabilixxu fondazzjoni għal benefiċċju pubbliku u għal dawk l-għanijiet u b'dawk il-funzjonijiet kif imsemmija hawn isfel.

Għalhekk bis-saħħa ta' dan l-Att, il-Fundaturi qegħdin jikkostitwixxu u jistabilixxu fondazzjoni bl-isem 'Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija', fil-qasir 'KNM' aktar 'il quddiem imsejħa '**il-Fondazzjoni**'.

**STATUT**

**L-Ewwel Artikolu - L-Isem u l-Indirizz**

1.1 Il-Fondazzjoni tkun magħrufa bħala FONDAZZJONI GĦALL-KONSERVAZZJONI TAN-NAĦLA MALTIJA, fil-qasir 'KNM', filwaqt li bl-Ingliż tkun magħrufa bħala FOUNDATION FOR THE CONSERVATION OF THE MALTESE HONEY BEE.

1.2 Is-sede tal-Fondazzjoni tkun [...], Malta, bl-indirizz elettroniku jkun nahlamaltija@gmail.com.

**It-Tieni Artikolu - Il-Personalità Legali**

2.1 Il-Fondazzjoni tkun entità awtonoma ta' natura mhux-kummerċjali b'personalità legali distinta bis-setgħa li, skont il-

provedimenti ta' dan l-Istatut, tidħol f'obbligazzjonijiet u transazzjonijiet li jorbtu mal-funzjonijiet proprji tagħha.

2.2 L-attiv u l-passiv tal-Fondazzjoni huma distinti mill-attiv u l-passiv tal-Fundaturi u tal-Amministraturi tagħha. Ebda parti minn dan l-Istatut ma tista' tiġi interpretata jew mifthiema li l-Fundaturi jew l-Amministraturi tagħha għandhom ikunu personalment responsabbli għal kwalunkwe dejn, pendenzi jew passiv inkorsi mill-Fondazzjoni jew għal xi obbligazzjoni li tkun daħlet għaliha l-Fondazzjoni.

2.3 Il-Fondazzjoni hija entità korporativa u tgawdi s-setgħat kollha li kull entità legali tgawdi in forza tal-personalità legali lilha attribwita.

**It-Tielet Artikolu - Il-Missjoni**

3.1 Il-Fondazzjoni tkun organizzazzjoni bla profitti u għal benefiċċju pubbliku.

3.2 L-ilsna uffiċċjali tal-Fondazzjoni jkunu l-Malti u l-Ingliż.

3.3 Sfond tal-isfidi li qed tiffaċċja in-Naħla Maltija u r-raġuni għall-kostituzzjoni ta' din il-Fondazzjoni: Fost ir-reġjuni li l-ispeċi tan-Naħla tal-Għasel (*Apis mellifera*) hi indiġena insibu dak Mediterranju. Fil-gżejjer Maltin, insibu tgħammar is-sottospeċi (razza) tan-Naħla tal-Għasel Maltija (*Apis mellifera ruttneri*) li tinsab biss fl-arċipelagu Malti, fatt li jagħmilha endemika għal dawn il-gżejjer. Huwa ċar li l-karaterristiċi tan-Naħla Maltija qed jiġu imniġġsa min-Naħal tal-Għasel ta' razez barranin li qegħdin jiġu impurtati f'pajjiżna. Peress li n-Naħal tal-Għasel jitgħammar fuq barra b'distinzjoni minima bejn sottospeċi differenti, dan qiegħed iwassal sabiex il-ġenetika tan-Naħla Maltija li kienet iżolata għal għexieren ta' snin titħallat (*hybridisation*). Konsegwentament, b'mod indirett in-naħla Maltija qed tinqered għax ftit ftit, qiegħda titlef il-karatteristiċi 'Maltin' minħabba dan it-taħlit. Iktar minn hekk, dan iwassal sabiex l-adattament li kellha biex tgħix f'abitat u klima lokali jintilef ukoll. Il-kunċett evoluzzjonarju tas-sopravivenza tal-aktar tajbin (*survival of the fittest*) qed jiġi imfixkel bil-kbir għad-detriment tas-sottospeċi li tifforma parti mill-patrimonju naturali Malti. Dan il-proċess ta' taħlit bla dubju tefa' lil din is-sottospeċi endemika għal pajjiżna f'riskju serju ta' estinzjoni. Tajjeb li ssir ukoll referenza għas-settur apikulturali lokali, li

jiddependi intrinsikament fuq in-Naħla tal-Għasel Maltija. Fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tas-sottospeċi lokali hi ukoll importanti ferm. Il-potenzjal t'addament għal klima iktar ħarxa fil-futur qarib qiegħda biss fil-konservazzjoni tas-sottospeċi endemika. L-importanza tal-konservazzjoni tan-naħla lokali u t-trobbija tagħha hu vantaġġuż u ta' importanza. Fiha innifisha s-sottospeċi Maltija għandha valur intrinsiku sforz l-endemiċità tagħha, li tkompli tarrikkixxi il-bijodiversità lokali. Il-konservazzjoni ta' din is-sottospeċi huwa neċessarju anke f'ambitu t'apikultura sostenibbli fil-ġejjieni.

**Ir-Raba' Artikolu – L-Objettivi**

4.1 L-għan ewlieni tal-Fondazzjoni għandu jkun illi tfassal u taħdem fuq pjan ta' azzjoni dwar il-konservazzjoni tan-Naħla Maltija u tieħu ħsieb il-koordinament u l-eżekuzzjoni tiegħu. Din il-Fondazzjoni ser tkun qed taħdem biss fuq kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-Naħla Maltija.

4.2 Ix-xogħol tal-Fondazzjoni għandu jkun li taħdem fuq dawn is-sussegwenti objettivi li huma bbażati fuq l-għan prinċipali u li minnhom imbagħad jiġi imfassal pjan ta' azzjoni:

a) Tgħarraf bl-importanza tan-Naħla Maltija għall-ambjent naturali ta' pajjiżna (ekoloġija) u għas-settur tal-apikultura u f'iktar sens wiesgħa dak agrikolu.
b) Tgħarraf li n-Naħla Maltija tagħmel parti mill-patrimonju naturali Malti u għalhekk jistħoqqilha li tiġi kkonservata b'mod olistiku.
c) Tinkoraġġixxi l-għarfien, it-trobbija u r-riċerka fuq in-naħla endemika Maltija.
d) Tiġbor taħt umbrella waħda u tikkordina entitajiet varji, individwi u organizzazzjonijiet mhux governattivi li għandhom interess fil-konservazzjoni tan-Naħla Maltija.
e) Tagħmel pressjoni biex jiġi mfassal pjan sabiex in-Naħla Maltija tkun protetta b'mod olistiku.

**Il-Ħames Artikolu - Is-Setgħat**

5.1 Għall-finijiet li twettaq l-objettivi msemmija hawn fuq, is-setgħat tal-Fondazzjoni jkunu jinkludu dawn li ġejjin:

a) taċċetta u tirċievi fondi jew proprjetà oħra, mobbli jew immobbli, minn gvernijiet, organizzazzjonijiet internazzjonali, fondazzjonijiet, aġenziji, entitajiet kummerċjali, individwi jew minn imkejjen oħra, kemm jekk *inter vivos* jew *causa mortis*;

b) tidħol fi ftehim ma' persuni u/jew ma' entitajiet oħra għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha u t-twettiq tal-objettivi tagħha;

c) waħedha jew ma' oħrajn, twaqqaf entitajiet oħra biex tmexxi 'l quddiem l-objettivi tagħha; u

d) tagħmel dak kollu li hu inċidentali jew konduttiv għat-twettiq tal-objettivi tagħha.

**Is-Sitt Artikolu – L-Amministraturi**

6.1 L-Amminstraturi tal-Fondazzjoni huma:

a) Abner Joe Buttigieg, [...];

b) Dylan Farrugia, [...]; u

c) Neil Cutajar, [...],

Ilkoll komparenti fuq dan l-Att u lkoll ta' nazzjonalità Maltija illi qegħdin jagħtu l-kunsens totali tagħhom għall-ħatra tagħhom bħala Amministraturi tal-Fondazzjoni kostitwita permezz ta' dan l-Att.

6.2 Kull Amministratur għandu mingħajr dewmien jiddikjara bil-miktub kull kunflitt ta' interess, attwali jew potenzjali, lill-Fondazzjoni fl-uffiċċju reġistrat tagħha u tali Amministratur jkun prekluż milli jipparteċipa u jivvota waqt dawk il-laqgħat li matulhom ikun qiegħed jiġi diskuss u tittieħed deċiżjoni fuq il-kunflitt ta' interess in kwistjoni.

6.3 Il-kariga ta' Amministratur mhix remunerata u l-amministraturi ma jistgħux ifittxu li jagħmlu profitt mill-kariga tagħhom fil-Bord tal-Amministraturi. Meta persuna tkun Amministratur u impjegata tal-Fondazzjoni fl-istess żmien, tali persuna tista' tiġi remunerata għas-servizzi reżi minnha biss, u mhux bi ħlas għal kariga tiegħu jew tagħha ta' Amministratur. Il-Fondazzjoni għandha tiżgura li r-remunerazzjoni tal-impjegati

tagħha u fornituri ta' servizzi oħra ma tkunx tippreġudika l-kisba tal-objettivi tal-istess Fondazzjoni.

**Is-Seba' Artikolu - Il-Kontribuzzjoni**

7.1 Il-Fundaturi qed jikkontribwixxu lill-istess Fondazzjoni s-somma globali ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240), liema somma titħallas lill-Fondazzjoni b'mod sħiħ u minn liema somma Abner Joe Buttigieg u Dylan Farrugia qegħdin jikkontribwixxu l-ammont ta' mija u għoxrin Ewro (€120) kull wieħed minnhom.

7.2 Abner Joe Buttigieg u Dylan Farrugia bħala Fundaturi tal-Fondazzjoni, qegħdin jaċċettaw il-Kontribuzzjoni li qed issir lill-Fondazzjoni minn kull wieħed minnhom bis-saħħa ta' dan l-Att.

**It-Tmien Artikolu - Ir-Rappreżentanza Legali**

8.1 Ir-rappreżentanza legali tal-Fondazzjoni tkun vestita f'Abner Joe Buttigieg u Dylan Farrugia flimkien jew, fin-nuqqas tagħhom, f'kull persuna oħra li l-imsemmija Abner Joe Buttigieg u Dylan Farrugia jagħżlu li jaħtru għal dan l-iskop.

**Id-Disa' Artikolu – It-Tmexxija u l-Bord tal-Amministraturi**

9.1 Minn fost l-Amministraturi maħtura b'dan l-Att, Dylan Farrugia ikun President, Abner Joe Buttigieg ikun Segretarju u Neil Cutajar ikun Teżorier.

9.2 Deċiżjonijiet kollha relatati mal-amministrazzjoni u t-tmexxija tal-Fondazzjoni għandhom jiġu diskussi fil-Bord tal-Amministraturi u l-istess Bord għandu jiddeċiedi billi l-membri tiegħu jieħdu vot ta' maġġoranza sempliċi (50% + 1).

9.3 L-Amministraturi u l-Fundaturi jistgħu jinnominaw Amministraturi ġodda, b'dan illi kull Amministratur irid jiġi approvat b'vot unanimu mill-Fundaturi.

9.4 L-uffiċċju tal-Amministraturi jkun għal perjodu ta' tliet (3) snin. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu l-Amministraturi għandhom jerġgħu jiġu maħtura kif inhu stipulat fil-klawsola preċedenti.

9.5 Fl-eventwalità illi xi Amministraturi jkunu ġabu ruħhom b'mod diżonest jew kontra l-*ethos* tal-Fondazzjoni, il-Fundaturi jkollhom il-jedd illi jitterminaw il-kariga tal-istess Amministraturi b'mod immedjat. Il-kariga tal-Amministraturi tista' tiġi mitmuma għar-raġunijiet stipulati f'din il-klawsola, anke minn Fundatur wieħed (1) biss, ħlief jekk l-Amministratur soġġett għat-tneħħija jkun Fundatur huwa wkoll. Inoltre, il-post vakanti tal-Amministraturi li jkunu tneħħew in forza ta' din il-klawsola għandhom jittieħdu minn Amministraturi oħra maħtura skont artikolu disgħa sub-paragrafu tlieta (9(3)).

9.6 L-Amministraturi jistgħu jirriżenjaw mill-kariga tagħhom ta' amministraturi billi jippreżentaw avviż raġonevoli lill-Bord tal-Amministraturi.

9.7 Oltre, l-iskadenza tat-terminu ta' tliet (3) snin stabbilit aktar 'il fuq u t-tneħħija mill-kariga minħabba imġieba diżonesta u li tmur kontra l-*ethos* tal-Fondazzjoni, kif diġà imsemmi aktar qabel, l-uffiċċju ta' amministratur jispiċċa wkoll f'każ ta' mewt tal-istess amministratur kif ukoll f'każ ta' riżenja, skont liema minnhom isseħħ l-ewwel.

9.8 Meta jkun hemm vakanza fost l-Amministraturi, din għandha timtela' b'Amministraturi ġodda sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mid-data illi l-post ikun sar vakanti.

Fl-eventwalità li l-post jibqa' vakanti wara l-imsemmija tliet (3) xhur, il-Fundaturi għandhom jagħmlu sejħa pubblika għal post ta' Amministratur, liema sejħa pubblika għandha tiġi mifthiemha u kkordinata mill-Fundaturi fl-istess żmien tal-vakanza.

Persuni li jersqu lejn il-Fundaturi wara sejħa pubblika bħal din għandhom jiġu approvati bħala Amministraturi mill-istess Fundaturi b'vot unanimu.

Fi kwalunkwe każ, matul il-perjodu li kariga ta' Amministratur tkun għadha vakanti u l-Fondazzjoni tkun qiegħda tiġi amministrata minn żewġ (2) amministraturi biss, il-Fondazzjoni għandha tibqa' titmexxa mill-Fundaturi sakemm jimtela l-post vakanti.

Inoltre, ma jkunx hemm bżonn li jinħatar Amministratur ġdid jekk fil-Bord tal-Amministraturi jkun fadal mill-anqas tliet (3) amministraturi jokkupaw il-kariga.

9.9 Il-quorum għal-laqgħat tal-Bord tal-Amministraturi jkun ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-Amministraturi kollha, liema quroum għandu jiġi milħuq fi żmien kwarta mill-ħin li fih tkun mifthiemha li ssir il-laqgħa. Deċiżjonijiet meħuda b'maġġoranza sempliċi (50% + 1) waqt laqgħat li fihom ikun intleħaq quorum ikunu jiswew daqslikieku jkunu ttieħdu mill-Bord tal-Amministraturi kollu. F'każ illi l-quorum ma jintleħaqx il-laqgħa titħassar u tiġi appuntata għal jum ieħor.

9.10 Il-Bord tal-Amministraturi jgawdi s-setgħat kollha mogħtija lilu mil-Liġi u b'dan l-Istatut, skont il-bżonn għat-twettieq tal-objettivi tal-Fondazzjoni.

9.11 Fil-qadi tal-obbligi tiegħu, il-Bord tal-Amministraturi huwa marbut bl-obbligazzjonijiet fiduċjarji skont kif stipulat f' Artikolu elf mija u erbgħa u għoxrin ittra 'A' (1124A) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta.

9.12 L-obbligi tal-Bord tal-Amministraturi *inter alia* jinkludu s-segwenti:

a) Illi jassiguraw li l-Fondazzjoni tilħaq l-objettivi soċjali tagħha kif kontemplat f'dan l-Istatut;

b) Illi jamministraw ħwejjiġha ta' kuljum, imexxuha mingħajr intoppi, u jassiguraw li l-Fondazzjoni tosserva dan l-Istatut, il-proveddimenti tal-Liġi u l-policies and procedures li jistgħu jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien;

c) Illi jissalvagwardjaw, iżommu fil-pussess, taħt kontroll u fis-sigur l-assi tal-Fondazzjoni kif ukoll jassiguraw li l-Fondazzjoni tosserva l-provvedimenti ta' dan l-Istatut, tal-Liġi u l-policies and procedures li jistgħu jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien;

d) Illi jibqgħu lura milli jwettqu affarijiet li b'xi mod jistgħu, direttament jew indirettament, ifixxklu l-objettivi li għalihom qiegħda tiġi mwaqqfa l-Fondazzjoni;

e) Illi minn żmien għal żmien jistabilixxu, japplikaw u josservaw normi ta' mġieba u operat, skont il-bżonn, bil-għan illi l-Fondazzjoni titmexxa b'mod onest, legali, effiċjenti u ottimali;

f) Illi jżommu kotba finanzjarji xierqa u rekords oħra illi jirriflettu sew u fis-sħiħ l-operat u t-tranzazzjonijiet tal-

Fondazzjoni;

g) Illi jagħmlu kulma jkun meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom u l-objettivi tal-Fondazzjoni;

h) Illi jissottomettu rendikont tal-amministrazzjoni tagħhom qabel ma jħallu l-kariga u jirritornaw mingħajr dewmien l-assi kollha tal-Fondazzjoni li jistgħu jkunu fil-pussess tagħhom lill-Amministraturi l-oħra u/jew lis-suċċessuri tagħhom;

i) Illi jieħdu kwalunkwe azzjoni korporattiva u jiffirmaw dokumenti u strumenti legali, li jistgħu jkunu meħtieġa, bil-għan illi jawtorizzaw jew jippermettu lill-Fondazzjoni;

j) Illi jiddeċiedu dwar u jissorveljaw general policies and strategies tal-Fondazzjoni.

**L-Għaxar Artikolu - It-Terminu u x-Xoljiment tal-Fondazzjoni**

10.1 Il-Fondazzjoni qiegħda tiġi kostitwita għal żmien indefinit filwaqt li tkun independenti, volontarja u bla profitti. Il-Bord tal-Amministraturi jkun obbligat ixolji u jqiegħed fi stralċ il-Fondazzjoni fl-eventwalità illi l-objettivi jkunu ntlaħqu jew eżawriti jew jkunu saru impossibbli, diment illi hekk kif isseħħ il-ġrajja l-Istatut ma jiġix emendat kif provdut f'dan l-Att sabiex titneħħa r-raġuni tax-xoljiment.

10.2 Fl-eventwalità li l-Fondazzjoni tiġi terminata, xolta u mqiegħda fi stralċ, il-Bord tal-Amministraturi għandu jidentifika fondazzjonijiet oħra bla profitti li għandhom objettivi jew għanijiet simili għall-Fondazzjoni kostitwita b'dan l-Att u wara li jissodisfa djun u kull passiv ieħor, l-istess Bord għandu jgħaddi l-assi residwi lill-fondazzjoni hekk magħżula.

10.3 Fundatur ma jistax jirriżenja mill-irwol tiegħu ta' Fundatur, iżda jkollu l-jedd illi jitlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti ta' Malta sabiex tħassar ismu minn Fundatur tal-Fondazzjoni, salv kwalunkwe proveddiment opportun li l-Qorti jogħġobha tagħti.

**Il-Ħdax-il Artikolu - Il-Finanzi u l-Attiv Kostituttiv**

11.1 Il-Fondazzjoni jkollha s-setgħa li tkabbar il-fondi tagħha u, jekk meħtieġ, tirċievi donazzjonijiet jew tissellef minn istituzzjonijiet finanzjarji.

11.2 Il-Fondazzjoni jkollha s-setgħa li tiftaħ kont bankarju jew aktar u li toħroġ ċekkijiet f'isimha sakemm dawn ikunu ffirmati minn minn tal-inqas tnejn (2) mill-Amministraturi Abner Joe Buttigieg, Dylan Farrugia, u Neil Cutajar.

11.3 L-Attiv Kostituttiv tal-Fondazzjoni jikkonsisti f'dawn li ġejjin:

a) Il-Kontribuzzjoni magħmula mill-Fundaturi fuq dan l-Att;
b) Kwalunkwe kontribuzzjonijiet irrevokabbli oħra magħmula favur il-Fondazzjoni mill-Fundaturi u/jew mill-Amministraturi;
c) Kwalunkwe kontribuzzjonijiet magħmula minn terzi persuni lill-Fondazzjoni;
d) Kull dħul u akkwisti oħra magħmula mill-Fondazzjoni.

**It-Tnax-il Artikolu - Ir-Rapport Annwali**

12.1 Il-Bord tal-Amministraturi għandu jiżgura li jkunu qegħdin jiġu miżmuma kotba finanzjarji (*books of accounts*) u li fihom ikun qiegħed jinżamm rendikont tas-segwenti:

a) Dettalji tal-flus kollha li tkun irċeviet il-Fondazzjoni u tal-pagamenti kollha li tkun għamlet l-istess Fondazzjoni;
b) L-Assi li jappartjenu lill-Fondazzjoni;
c) Il-Passiv tal-Fondazzjoni.

12.2 Il-kontijiet annwali (*annual accounts*) jiġu mħejjija għal perjodu li jibda mill-ewwel jum ta' Jannar sal-aħħar jum ta' Diċembru ta' kull sena, b'dan illi għas-sena kurrenti elfejn u tlieta u għoxrin (2023) dawn il-kontijiet għandhom jiġu mħejjija mil-lum sal-aħħar jum ta' Diċembru ta' din l-istess sena.

12.3 Il-kontijiet annwali fuq imsemmija għandhom jiġu mressqa quddiem il-Bord tal-Amministraturi għall-

approvazzjoni u għandhom jiġu hekk approvati sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja.

12.4 Il-Bord tal-Amministraturi għandu jħejji rapport annwali darba kull sena b'effett mil-lum.

12.5 Il-Bord tal-Amministraturi ikun obbligat iforni informazzjoni sħiħa u preċiża dwar in-natura u l-ammont ta' assi tal-Fondazzjoni, inkluż il-kontijiet annwali tal-istess Fondazzjoni u informazzjoni dwar l-andament tal-amministrazzjoni a favur:

(a) Il-Fundatur/i;

(b) Kwalunkwe Qorti kompetenti;

(c) L-Avukat Ġenerali jew l-awtorità kompetenti taħt il-Liġi; u

(d) Il-Kummissarju tal-Organizazzjonijiet Volontarji.

Tali informazzjoni għandha tiġi provduta mill-Bord tal-Amministraturi sakemm l-ottjeniment tagħha jkun raġonevolment prattiku u fi żmien raġonevoli mid-data tat-talba magħmula lill-istess Bord bil-miktub mill-entitajiet jew persuni imsemmija hawn fuq.

**It-Tlettax-il Artikolu - L-Emendi Statutorji**

13.1 Il-Bord tal-Amministraturi għandu s-setgħa illi jagħmel kwalunkwe emendi neċessarji għal dan l-Istatut, salv illi l-istess Amministraturi jottjenu l-kunsens anteċedenti bil-miktub tal-Fundatur/i. Qabel l-Amministraturi jersqu fuq id-debitu att pubbliku li bih huma jemendaw l-Istatut tal-Fondazzjoni, huma jkollhom is-setgħa li jabbozzaw emendi li minn żmien għal żmien ikun jidrilhom li jkunu neċessarji għat-titjieb ta' dan l-istess Statut, liema emendi, l-Amministraturi jaqblu li ma jkollhomx effett legali sakemm huma jidhru fuq id-debitu att pubbliku sabiex jaġġornaw l-Istatut tal-Fondazzjoni ai termini ta' dawn l-emendi kollha li jkunu ġew abbozzati minnhom internament minn żmien għal żmien.

13.2 Fi kwalunkwe każ:

(a) Ebda emenda ma tista' tkun taffettwa l-indipendenza u l-awtonomija tal-Fondazzjoni, fis-sens illi l-Istat ta' Malta

m’għandux ikollu s-setgħa, direttament jew indirettament, illi jinnomina, jaħtar, jibdel jew ineħħi xi wieħed jew waħda mill-Amministraturi tal-Fondazzjoni, u l-Fondazzjoni ma tista’ qatt tkun aġenzija pubblika.

(b) Ebda emenda ma tista’ taffetwa l-validità ta’ kwalunkwe ħaġa legali magħmula mill-Amministraturi qabel id-data tat-tali emenda, u l-ebda emenda ma tista’ taffetwa jew tinterrompi l-andament ta’ atti leġittimi jew impenji leġittimi li jkunu saru jew li jkunu għadhom iridu jiġu kompluti mill-Amministraturi.

(c) Meta jsiru emendi, l-Istatut tal-Fondazzjoni għandu jerġa’ jiġi stabbilit mill-ġdid b’tali mod illi jkun jikkonsolida l-emendi kollha li jkunu saru sat-tali data.

(d) Jekk kwalunkwe waħda mill-provvedimenti ta’ dan l-Istatut hija jew issir invalida, il-validità legali tal-provvedimenti l-oħra kollha ta’ dan l-istess Istatut ikunu daqstant ieħor meqjusa invalidi.

(e) Ir-rekwiżiti stipulati mil-Liġi illi jkunu rilevanti għall-emendi ta’ dan l-Istatut għandhom jiġu debitament osservati fi kwalunkwe żmien, u tali emendi għandhom isiru biss b’att pubbliku notarili.

**L-Erbatax-il Artikolu – Liġi Applikabbli u Ġurisdizzjoni**

14.1 Il-Fondazzjoni hija soġġetta għal-Liġijiet ta’ Malta.

14.2 F’każ ta’ litigazzjoni jew tilwim bejn il-Fundaturi, il-Fondazzjoni, jew xi ħadd mill-Amministraturi tagħha, il-partijiet involuti għandhom jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex isibu soluzzjoni amikevolment billi jinnegozjaw flimkien in bona fede.

Jekk it-tilwima ma tiġix riżolta a sodisfazzjon tal-partijiet kollha, din għandha tiġi deċiża mill-Qrati kompetenti ta’ Malta skont il-Liġi ta’ Malta.

**Dikjarazzjonijiet Statutorji**

Għall-finijiet tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu erba’ mija u tnejn u disgħin (492) tal-Liġijiet ta’ Malta, artikolu tlieta (3), sub-inċiż tlieta (3), paragrafu ittra ‘f’, il-Fundaturi qegħdin jiddikjaraw illi l-Fondazzjoni kostitwita u

stabbilita permezz ta' dan l-Att mhix partit politiku, m'għandiex skopijiet politiċi u mhix ikkontrollata minn, relatata jew affiljata ma' partit politiku u għalhekk il-Fondazzjoni għandha titqies bħala organizzazzjoni volontarja għall-finijiet tal-istess Att.

Inoltre, għall-finijiet tal-Att kontra Money Laundering (Kapitolu tliet mija tlieta u sebgħin (373) tal-Liġijiet ta' Malta), il-Komparenti qegħdin jiddikjaraw illi ma humiex esposti politikament (*politically exposed*), u li l-fondi użati u l-pagamenti kollha magħmula fuq dan l-att mhumiex ġejjin minn kwalunkwe frott ta' attivitajiet illegali. Din id-dikjarazzjoni qiegħda ssir wara li jiena Nutar sottofirmat spjegajtilhom l-importanza tagħha skond il-liġi.

Dan l-Att ġie magħmul, moqri u ppubblikat previa d-debita ċerzjorazzjoni lill-Komparenti skont il-liġi f'Malta, Ħal Għaxaq, 'Notre Dame', bieb numru għaxra (10).

Iffirmati:
Abner Joe Buttigieg.
Dylan Farrugia.
Neil Cutajar.
Dr Dejan Debono,
Nutar Pubbliku ta' Malta.